VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,227, 28 ta' Marzu, 2014
Taqsima B

A.L. 94 tal-2014

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2014 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2006 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad tal-2004 għall-Grad ta' Bachelor of Education (Honours) – B.Ed. (Hons) – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Edukazzjoni bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2014 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2006 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad tal-2004 għall-Grad ta' Bachelor of Education (Honours) - B.Ed. (Hons) - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2006 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad tal-2004 għall-Grad ta' Bachelor of Education (Honours) - B.Ed. (Hons) - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni, ippubblikati bħala Avviż Legali 24 tal-2006, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2013 jew wara, ħlief għall-ordinament 5 ta' dawn l-ordinamenti li għandha tapplika għall-korsijiet li jibdew minn Ottubru 2014 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

3. L-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jiġi nnumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu (1) tal-ordinament 3.

4. Il-paragrafu (2) li ġej għandu jidħol wara l-paragrafu (1) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali:

"(2) (a) Fl-oqsma ta' speċjalizzazzjoni tal-Primarja u tal-Edukazzjoni u l-Ħarsien tat-Tfal fl-Età Bikrija, il-Bord għandu jirrakkomanda lis-Senat l-għadd ta' applikanti li jistgħu jitħallew jirreġistraw f'dawn l-oqsma ta' speċjalizzazzjoni, skont l-għadd ta' pjazzamenti fl-iskejjel disponibbli. L-għadd ta' postijiet disponibbli għandu jkun imħabbar meta din l-informazzjoni tkun disponibbli għall-Università mill-awtoritajiet rilevanti.

(b) Jekk ikun hemm aktar applikanti eliġibbli mill-għadd ta' postijiet disponibbli, l-applikanti għandhom jiġu magħżula wara intervista minn bord tal-intervisti maħtur mill-Bord għal dan il-għan u li għandu jkun magħmul mill-anqas minn tliet membri. L-applikanti għandhom jitqiegħdu f'ordni mill-ewwel sal-aħħar skont il-kriterji approvati mis-Senat."

L-Emenda għall-ordinament 9 tal-ordinamenti prinċipali

5. Minflok is-sottoparagrafu (b) tal-paragrafu (3) tal-ordinament 9 tal-ordinamenti prinċipali, applikabbli għall-korsijiet li jibdew minn Ottubru 2014 jew wara, għandu jidħol dan li ġej:

"(b) għandhom l-MCAST-BTEC National Diploma in Early Years jew l-MCAST-BTEC National Diploma in Children's Care Learning and Development jew l-MCAST-BTEC National Diploma in Child's play Learning and Development jew is-Certificate in Pre-School Education (Education Division - Further Studies and Adult Education Department) jew is-Certificate in Childcare (Education Division - Further Studies and Adult Education Department); u"

6. Il-paragrafu (4) li ġej għandu jiżdied wara l-paragrafu (3) tal-ordinament 9 tal-ordinamenti prinċipali:

"(4) Il-Bord tad-Dħul jista' jħalli jidħlu applikanti għall-qasam ta' speċjalizzazzjoni tal-Edukazzjoni u l-Ħarsien tat-Tfal fl-Età Bikrija fi kwalunkwe sena tal-Kors, skont il-provvedimenti tar-regolament 8.1.1 tar-Regolamenti għad-Dħul tal-Università, fuq il-parir tal-Bord tal-Istudji rilevanti, jekk:

(a) ikollhom l-MCAST–BTEC Higher National Diploma in Advanced Studies in Early Years; u

(b) ikunu għaddew mill-Eżami għaċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja bi Grad 5 jew aħjar fil-Lingwa Ingliża, il-Malti u l-Matematika; u

(ċ) ikunu għaddew f'testijiet ta' proficjenza fl-Ingliż u fil-Malti approvati mill-Fakultà (sakemm ma jkunux eżentati minnhom skont l-ordinament 9(2)(ċ); u

(d) kisbu ċertifikat li juri li għaddew mis-seba' moduli tal-European Computer Driving License (ECDL),

sakemm li dawn l-applikanti jkunu meħtieġa jsegwu programm ta' studju, mifrux fuq sentejn ta' studju *full-time*, kif dirett mill-Bord."

7. Il-paragrafi (4) sa (7) tal-ordinament 9 tal-ordinamenti prinċipali għandhom jiġu nnumerati mil-ġdid bħala l-paragrafi (5) sa (8).

L-Emenda għall-ordinament 11 tal-ordinamenti prinċipali

8. Minflok l-ordinament 11 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

VERŻJONI ELETTRONIKA

"11. (1) Għall-oqsma ta' speċjalizzazzjoni tal-Edukazzjoni u l-Ħarsien tat-Tfal fl-Età Bikrija, tal-Edukazzjoni Primarja u Sekondarja, il-Kors jinfirex fuq perijodu ta' erba' snin ta' studju fuq bażi *full-time*.

(2) Għall-korsijiet li bdew qabel Ottubru 2013, għall-qasam ta' speċjalizzazzjoni tal-Edukazzjoni u l-Ħarsien tat-Tfal fl-Età Bikrija, il-Kors għandu jinfirex fuq perijodu ta' tlett snin ta' studju fuq bażi *full-time* jew l-ekwivalenti fi studju fuq bażi *part-time*."

L-Emenda għall-ordinament 13 tal-ordinamenti prinċipali

9. Minflok il-paragrafu (1) tal-ordinament 13 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"13. (1) Għandu jkun hemm pjazzament fl-iskejjel, li jkopri perijodu ta' osservazzjoni u/jew ta' tagħlim fl-iskejjel, taħt superviżjoni, kif determinat mill-Bord kif ġej:

(a) f'kull waħda mill-erba' snin, fil-każ tal-oqsma ta' speċjalizzazzjoni tal-Edukazzjoni u l-Ħarsien tat-Tfal fl-Età Bikrija, tal-Edukazzjoni Primarja u Sekondarja; u

(b) f'kull waħda mit-tlett snin (jew imqassam tul il-Kors part-time għall-korsijiet li bdew qabel Ottubru 2013), fil-każ tal-qasam ta' speċjalizzazzjoni tal-Edukazzjoni u l-Ħarsien tat-Tfal fl-Età Bikrija."

10. Minflok il-paragrafu (2) tal-ordinament 13 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

(2) Il-Pjazzamenti fl-Iskejjel ikunu valutati fuq bażi ta' Għadda/Weħel fil-każ tal-oqsma ta' speċjalizzazzjoni tal-Edukazzjoni Primarja u Sekondarja. Il-Pjazzamenti fl-Iskejjel ikunu valutati fuq bażi ta' gradi/marki fil-każ tal-qasam ta' speċjalizzazzjoni tal-Edukazzjoni u l-Ħarsien tat-Tfal fl-Età Bikrija."

It-Tħassir tal-ordinament 14 tal-ordinamenti prinċipali

11. L-ordinament 14 tal-ordinamenti prinċipali għandu jiġi mħassar.

In-Numerazzjoni mill-ġdid tal-ordinamenti 15 sa 17 tal-ordinamenti prinċipali

12. L-ordinamenti 15 sa 17 tal-ordinamenti prinċipali għandhom jiġu nnumerati mill-ġdid bħala l-ordinamenti 14 sa 16.